

- tikkundanna lill-konvenuta fl-ewwel istanza għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Id-digriet ikkōntestat huwa vvizjat bi żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-bażi tal-azzjoni għall-kumpens imressqa quddiem l-ewwel qorti kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-ewwel qorti.

Id-digriet ikkōntestat huwa wkoll vvizjat bi żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-ittra ta' ftehim kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-ewwel qorti. Din tal-aħħar żnaturat il-proċess.

---

### **Rikors ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-27/18)**

**(2018/C 083/24)**

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Samnadda, Y. Marinova, G. von Rintelen, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

### **Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tikkonstata li, peress li, sa mhux iktar tard mill-10 ta' April 2016, ma kinitx adottat il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet fxogħlili mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern (<sup>1</sup>), jew, fi kwalunkwe każ, peress li ma nnotifikatx lill-Kummissjoni dwar dawn il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, ir-Repubblika tal-Bulgarja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43(1) tal-imsemmija direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, tħallas pagamenti ta' penalità minħabba n-nuqqas tagħha li twettaq l-obbligu tagħha li tinnotifika lill-Kummissjoni l-miżuri li jittrasponu d-Direttiva 2014/26/UE, fl-ammont ta' EUR 19 121,60 għal kull jum mid-data tal-għoti tad-deċiżjoni tagħha dwar dan ir-rikors;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

1. Skont l-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2014/26/UE, l-Istatu Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva sal-10 ta' April 2016 u għandhom immedjatamente jininformaw lill-Kummissjoni b'dan. Peress li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni, din tal-aħħar iddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
2. Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li r-Repubblika tal-Bulgarija tiġi kkundannata tħallas pagamenti perijodiċi ta' penalità fl-ammont ta' EUR 19 121,60 għal kull jum. L-ammont tal-pagamenti perijodiċi ta' penalità huwa kkalkolat fid-dawl tal-gravità u tat-tul tal-ksur kif ukoll fid-dawl tal-effett dissważi fir-rigward tal-kapaċită ta' ħlas ta' dan l-Istat Membru.

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, L 84, p. 72.